MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Numru. 47/2005

Il-Pulizija
(Spettur Frans Micallef)
vs
Joseph Vella

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar il-15 ta' Marzu 2003, u matul ix-xhur ta' qabel f'Regional Road Petrol Station, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gwe maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala sid il-post jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi post, ikkommetta serq ta' ilma, liema serq hwa ta' aktar minn LM 100, izda anqas minn LM 1000, meta kiser kanni tas-servizz ta' l-ilma, jew ta xi sigilli ta' xi meter, jew uza mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma jew li bihom waqqaf jew biddel il-

kejl jew markar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata;

Fuq ammissjoni, issibu hati; wara illi rat l-artikoli 261 (b) u (c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 17, 20, 21 u 283 tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta, ikkopera mal-pulizija, irregistra ammissjoni mill-bidu nett u hallas l-ammont kollu dovut minnu;

Ghalhekk ma tarax illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u tara illi jkun ferm aktar ghaqli li l-imputat jinghata l-ahhar opportunita biex jirriforma hajtu. Ghalhekk wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt li tilliberah tobbligah li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum. Il-Qorti tiddikjara li spjegat lill-hati bi kliem car bl-import legali ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------